## Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# IL-PULIZIJA (SPETTUR ELISIA SCICLUNA) V. ADNAN ALABDULA MOHAMED (NRU. TAL-PASSAPORT BULGARU 860093470)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**8 ta' Jannar 2025**

IL-QORTI,

wara li rat l-imputazzjonijiet maħruġa kontra Adnan Alabdula Mohamad imwieled is-Sirja nhar il- 15 ta' Diċembru 2004, residenti ġewwa 135, Triq il-Kbira, Hal Qormi u detentur tal-passaport Bulgaru 860093470 (hawn imsejjaħ "l-imputat") li tressaq taħt arrest quddiemha fis-seduta tal-lum 8 ta' Jannar 2025 mixli illi nhar is-06 ta' Jannar 2025 għall-ħabta ta' 17.55hrs u/jew fil-ġranet u/jew finijiet ta' qabel, ġewwa Triq li tinsab ħdejn il-Marsa Sports Ground ġewwa l-Marsa (triq mhux mogħtija isem) u/jew f'dawn il-Gżejjer Maltin: -:

> **"1. Saq il-vettura ta' għamla Nissan Qashqai bin-numru ta' reġistrazzjoni EBD325 mingħajr ma' kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji għal terzi persuni - *Artiklu 3 (1) tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta;***
>
> **2. U aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi, saq il-vettura ta' għamla Nissan Qashqai bin-numru ta' reġistrazzjoni EBD325 minghajr ma kellhu licenzja necessarja tas-sewqan - *Artiklu 15 (1) (a) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta;***
>
> **3. U aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi, soqt il-vettura ta' l-ghamla Nissan Qashqai bin-numru ta' reġistrazzjoni EBD325 b'manjiera traskurata u perikoluza - *Artiklu 15 (1) (a) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta.***

wara li rat li ġiet mitluba ukoll sabiex f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-piena skont il-liġi, tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien kif jidrilha xieraq din-Qorti u dan skond kif stipulat fl-artikolu 2A tal-Kap 104 tal-Liġijiet ta' Malta w fl-artikolu 15 (2) u (3) tal-Kapitolu 65 tal-ligijiet ta' Malta;

wara li rat li fis-seduta tal-lum 8 ta' Jannar 2025, għall-mistoqsija tal-Qorti dwar jekk jixtieqx iwieġeb dwar il-ħtija *o meno* tiegħu, l-imputat wieġeb li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih (fil-każ tat-tielet imputazzjoni wieġeb li huwa ħati tal-imputazzjoni ta' sewqan b'mod perikoluż),

wara li rat illi l-Qorti ppostponiet il-kawża għal ftit minuti sabiex l-imputat jikkonsulta l-avukat tiegħu u jerġa jaħsibha,

wara rat li meta reġgħet issejħet il-kawża l-imputat reġa wieġeb li huwa inkondizzjonatament ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu,

wara li semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena,

wara li rat l-atti kollha proċesswali,

qed tagħti din is-

## Sentenza

**Fid-dawl ta' tali stqarrija ta' ħtija inkondizzjonata imtennija l-Qorti wara li rat l-artikoli rilevanti tal-liġi u ċioe l-Art 3(1) tal-Kap. 104 u l-Art. 15(1)(a) (sewqan mingħajr liċenzja tas-sewqan u sewqan b'mod perikoluż) tal-Kap. 65, issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha u tikkundannah piena karċerarja ta' erbgħa xhur sospiża għal sena mil-lum ai termini tal-Art. 28A tal-Kap. 9. B'żieda mal-piena l-Qorti qiegħda tapplika d-dispożizzjonijiet tal-Art. 15(2) tal-Kap. 65 u tal-Art. 3(2A) tal-Kap. 104 u tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien sittax-il xahar.**

| | |
|---|---|
| V.G. Axiak | Y. M. Pace |
| Maġistrat | Dep. Reġistratur |